DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2527** **14. 11. 2013**

## AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), il-prodott hawn taħt imsemmi m'għandhux jiġi kkunsmat minħabba rapporti li l-prodott jista` jikkawża palpitazzjonijiet, uġiegħ fis-sider, dardir, uġiegħ ta' ras u attakk kardijaku.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | Suppliment tal-Ikel |
| **Ditta:** | Dexaprine I Force |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | Bott iswed ġo kaxxa sewda |







Għalkemm minn informazzjoni miġbura probabilment il-prodott ma ġiex impurtat f'Malta mill-bejjiegħa bl-ingrossa, jirrizulta li dan il-prodott kien impurtat għal skopijiet personali u għalhekk bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tad-Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.